MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru. 1296/2009

**Il- Pulizija**
**[Spettur Anne Marie Micallef]**

**vs**

**Jonathan Psaila**

**Illum 10 ta' Dicembru, 2009.**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jonathan Psaila, ta' 30 sena, bin Gioacchino u Antonia nee` Farrugia, mwieled l-Pieta' nhar id-29 ta' Ottubru 1979, residenti Flat 5, Ta' Paris, Blokk C1, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 522279M.

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Dicembru 2009, ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu (11.30hrs), gewwa l-Isptar Mater Dei,

1. Ikkommetta, ingurja jew theddid, jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe` fuq Dr Ramon Rueben Bondin Med Reg. 3138;

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti u cioe` fuq Dr. Ramon Rueben Bondin Med Reg No. 3138;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta' Dr. Ramon Rueben Bondin Med Reg. No. 3138, skond kif iccertifika Dr. M. Spiteri M.D. mill-Isptar Mater Dei;

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwieta tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat l-Artikoli 9, 95, 96, 221 u 339(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz hekk jigi trattat.

Rat il-verbal tal-udjenza mizmuma llum 10 ta' Dicembru 2009, meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat min-naha n-natura tar-reati odjerni u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija u l-ammissjoni tieghu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi rat il-fedina penali tal-imputat illi ghalkemm ma hijiex wahda netta pero` tirrisali ghas-sena 1997 u ghalhekk f'dan il-perijodu ta' tnax-il sena l-imputat ma kien gie hati tal-ebda reat. Illi pero` il-piena li qed tigi imposta fis-sentenza odjerna ser tirrifletti l-fatt illi r-reat li ghalih gie misjub hati llum l-imputat huwa reat kontra ufficjal pubbliku fuq qadi ta' dmirijietu u ghalhekk il-Qorti ma tistax taghti l-minimu tal-piena applikabbli.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 9, 95, 96, 221 u 339(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghaxar (10) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28(a) tal-Kap. 9 qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilita tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor f'perijodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------